MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 739/2007

**Paul Caruana ID 524386M**

**vs**

**Anthony Mangion**

**It-Tribunal,**

**Ra** li din il-kawza tirrigwarda x-xiri ta’ *sailing boat* u magna Volvo Penta 2 Diesel li l-attur akkwista minghand il-konvenut. Dana wara assikurazzjoni mill-konvenut li t-tnejn kienu f’kondizzjoni tajba.

L-attur fit-TALBA jghid li wara li l-*boat* hareg biha l-ewwel darba il-makna bdiet taghmel hafna duhhan u saritilha hafna hsara u din tammonta ghal elf, u mitejn lira Maltin LM1200. Ghalhekk **talab** li dan it-TRIBUNAL jikkundanna lill-konvenut ihallsu LM1200 jew somma li jillikwida.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA tal-konvenut hekk:-

Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-art 1981 tal-Kap 16

Illi t-talba kif postulata hi guridikament insostenibbli illi sata talab biss, jekk dak minnu allegat jirrizulta li jinghata lura parti mill-prezz minnu mhallas.

Minghajr pregudizzju, it-talbiet huma nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-magna ma kien fiha ebda difett fil-mument li sari l-bejgh.

L-ammont mitlub hu esagerat.

**PROVI**

A1 **L-attur** qal li dwar id-dghajjsa m'ghandux ilment izda l-makna qed ikollha *overheating* u titfa l-ilma barra l-hin kollu. Prezz tal-akkwist kien LM18,750. L-ewwel hallas LM5000 lil hu l-konvenut u meta dan gie minn Dubai hallsu l-bilanc. Dak in-nhar ipruvaw id-dghajjsa fil-Port tal-Belt. Ippruvawha bil-makna *slow* u allura l-makba ma haddmuhiex sew. Ma saqhiex u tellghu il-qlugh.

2 Filghaxija hu ha d-dghajsa. Il-konvenut kien mghaggel hafna. Hu hareg bid-dghajsa l-Hadd ta' wara. Mill-ewwel bdiet turi problem. Il-magna tghajjret l-ilma u d-dghajsa waqfet barra l-port. Cempel lill-konvenut li gie jara x'gara wara li dahlu lura fil-port bil-makna *slow*. Il-konvenut qallu li jirrangalu dak li kien hemm bzonn. Qabbdu ma persuna li hu l-agent tal-Beta li nzerta kien xi zewg pontoons minn fejn kienu huma. Gie ra l-makna u qallu li kellha tinbidel kollha wara li l-*boat* tittella l-art. L-attur skopra li kien ilhom imissu f'dik id-dghajsa.

3 Il-konvenut sa hawn kien ghadu jghidlu li jirrangalu. Sadattant dan siefer u qallu li kien ser jibghatlu nginier.

4 Sussegwentement l-avukat tal-konvenut kien offrielu LM500. Din l-offerta m'accettahiex ghax ma kienetx

bizzejjed ghall-hsara. Id-dghajsa ghadha wieqfa, bil-makna zarmata.

B Fil-*fol* 53 *et seq* hawn kopja tal-prospett ta' danni esibiti mill-attur kif ukoll sett ritratti tal-makna li jinsabu *a fol* 59 u 60

C1 **L-Inginier Albert Bonnici**, imqabbad mill-kovenut, beda biex esibixxa, bhala Dok AB (*fol* 66-68)rapport li kien ghamel fuq il-makna qabel nbieghet.

2 Qal li kien, ghall-4 snin precedenti jati *service* lill-makna "on a friendship basis" meta kienet fuq S/Y Omera. Hawn it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li hemm fir-Rapport. Pero jigi ndikat li qal li "an engine in a sailing boat is not therefore designed to be high powered thus not high revving" u "One must understand that with all marine diesel engines there is a stipulated time factor (limit) as to how much a marine diesel engine can be left running on full revs. On average this should not exceed 10 minutes maximum as the engine will overheat". Spicca jghid li "the present situation is purely due to gross miss-use and lack of proper basic knowledge regarding the use of sailing boats and their installed marine engines".
3 Ix-xhieda tal-Inginier hi prattikament ta' dak li hemm fid-Dok AF. Qal, imbaghad hekk, **b'mod inqas kategoriku:**

*Ghalija din kif diga ghidt il-magna kienet over revved u dan ifisser li kienet full ahead hekk minn tal-inqas jiena hekk nahseb. Il-hsara li jista jirrizulta wara li kienet over revved u over heated tista tkun varjata. Tista tkun ukoll li tkun over revved u over heated u tkun lucky u ma jigrilek xejn u jista jkun li jigrilek ukoll. Jiena as such hsara ma rajtx ghax kif spjegajt jiena rajt parts ga zarmata imma mill-esperjenza tieghi wasalt ghall-konkluzzjoni li din il-over heating dik kienet l-iktar raguni probabbli ghaliex gara li gara. Jiena ma rajt ebda physical evidence ta' dak li qed nghid jien izda mxejt fuq l-esperjenza kif diga spjegajt".*

4 Ri-ezaminat, ix-xhud, fir-rigward tal-LM500 li l-konvenut offra lill-attur qal":

*Naf li r-raguni ghaliex kien ghamel dil-offerta l-konvenut kien li ried li jsiefer ghal dejjem u ried jehles mill-kwistjni. Jigi Malta ghal vaganzi fil-fatt skond jien l-attur kien accetta l-hamet mitt lira".*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL jikkonsidra kif gej:

1. Min jixtri oggett ghandu dritt li dan ikun tajjeb skond l-uzu li ghalih ikun inxtara. Min juza l-oggett irid juzah sew u ghandu wkoll jistenna certa gwida minghand il-bejjiegh specjalment meta dan ikun ipprova l-oggett fil-prezenza tax-xerrej qabel ma jkun ikkonsenjahulu definitivament.

2. Fil-kawza prezenti ghandna l-akkwist ta' dghajjsa tal-qlugh bil-makna maghha ghas-somma ta' LM18,750 minghand konvenut li jghix principalment barra minn Malta. Dan il-konvenut ipprova il-makna in kwistjoni lill-attur ghal hin qasir fil-port (bil-makna *slow* hafna) u dana ghax kien mghaggel. Struzzjonijiet xejn. Meta eventwalment l-attur jumejn wara, hareg bid-dghajjsa barra l-port il-makna bdiet turi problemi: tghajjret l-ilma u waqfet. L-attur cempel lill-konvenut (li kien ghadu Malta). Dahlu l-port fuq il-makna *slow* u l-konvenut mar kellmu u "quddiem tnejn minn nies illi kellu mieghu hu qallu nirrangelek dak li hemm bzonn".

3. Jigi notat li f'din il-kawza l-konvenut ma xehedx u llimita d-difiza tieghu filli jtella jixhed lill-Inginier Bonnici. Dan ifisser li m'hemmx tmerija (1) meta l-attur qal li l-konvenut kien ipprovda l-makna fil-port u fuq is-*slow* (2) meta l-attur qal li wara l-incident qallu "nirrangalek dak li hemm bzonn (3) meta rrizulta li ma nghata ebda twissija jew parir jew indikazzjoni partikulari dwar it-thaddiem tal-makna (4) meta l-attur qal li l-konvenut qallu "nirrangalek dak li hemm bzonn" u dana bla kondizzjoni jew riserva ta' xejn.

4. Meta nharsu lejn ix-xhieda *ex parte* tal-Inginier Bonnici (il-bniedem li kien jiehu hsieb id-dghajsa qabel akkwistaha l-attur izda ma hax sehem fin-negozju bejn il-kontendenti) jolqtok il-fatt li waqt li fic-certifikat tieghu hu kien kategoriku li "the present situation is purely due to gross miss-use and lack of proper basic knowledge regarding the use of sailing boats and their installed marine engines" meta xehed kien inqas sew kategoriku. Qal li **jista jkun** li l-makna kienet **over revved** u tkun xortik tajba u ma jirilek xejn u jista jigrilek. Hu ma rax il-hsara ghax ra biss parts zarmati izda mill-esperjenza jahseb li l-*overheating* kienet l-aktar raguni probabli ghal dak li gara. Zied "jiena ma rajt ebda *physical evidence* ta dak li qed nghid izda jien imxejt fuq l-esperjenza".

5. Ix-xhud anke nterpreta l-offerta ta' LM500 li saret mill-konvenut bhala li saret ghax il-konvenut ried isiefer u ried jehles ghal dejjem u ried jehles mill-kwistjoni. Wasal biex qal "skond jien l-attur accetta l-LM500". Wiehed ma jafx mnejn ix-xhud sab din l-affirmazzjoni jew asserzjoni kollha.

6. Gwidat anke minn sens ta' ekwita (izda mhux biss) kif statutorjament ghandu jsir f'din is-sede skond art 7(1) tal-Kap 380 it-TRIBUNAL ihoss li l-attur ghandu jigi kompensat ghall-hsara li garrab meta f'dak li xtara ma sabx dak li gustament stenna.

7. Tigi issa l-kwistjoni tal-*quantum*. L-attur ipprezenta s-segwenti kontijiet / ricevuti.

*A fol* 54 John's Garage, Auto Electrical Repair
€ 106.38
*A fol* 55 Clint Borg
€2895.13
*A fol* 56 Firm E. Catania, Hamrun
€ 25.60
*A fol* 57 Azzopardi Marine Services
€ 828.84
*A fol* 58 Ronnie's marine Centre
<u>€ 10.64</u>

€3866.59

8. Dawn ir-ricevuti gew pezentati b'nota fit-18 ta' Marzu 2011. Effettivament hu ghamel riferenza ghalihom ("dokumentazzjoni") meta xehed fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2009 meta d-dghajsa kienet ghadha wieqfa u allura r-ricevuti jgibu dati wara, barra wahda. Tant, li l-attur qed juri ammont aktar minn dak mitlub fl-AVVIZ.

9. Ghalkemm mhux specifikatament konfermati bil-gurament tal-attur, dawn jistghu jitqiesu bhala ndikazzjoni ghat-TRIBUNAL tad-danni mgarrba (App Civ 15/1993 Caruana Michael Dr. et noe vs Vassallo Nazzareno et noe, dec 29.10.2010)

10. Jigi notat li bhala l-ewwel eccezzjoni l-konvenut semma preskrizzjoni u dwar din ma ssemma xejn izjed. kien dover tal-konvenut li jipprova dan. Il-preskrizzjoni, f'sede civili, normalment ma titqajjimx mill-Qorti izda hi allegazzjoni li tridi tigi pruvata minn min jallegaha. Anqas saret xi domanda lill-attur jew ingiebet prova ohra fir-rigward. Anqas biss nafu d-data tal-akkwist. Nafu biss li l-AVVIZ prezenti gie mressaq fid-9 ta' Lulju 2008. Ghalhekk it-TRIBUAL jichad din l-eccezzjoni.

**KONKLUZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL wara li qies dan kollu jghaddi biex:-

1. Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut
2. Jaccetta t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur, il-*quantum* ta' elfejn, seba mija, sitta u disghin ewro (€2,796.00c) kif mitlub. B'dana li l-hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mill-lum u , fin-nuqqas, jibda ghaddej l-imghax skond il-ligi mil-wiehed u tletin jum sal-jum tal-pagament effettiv.
3. L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------